MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Numru 1/2001

Il-Pulizija
(Spettur Neville Xuereb)
vs
Leonard Pace

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Leonard Pace, detentur tal-karta ta' l-identita numru 645362(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fid-9 ta' Ottubru, 2001 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'San Giljan u postijiet ohra f'Malta impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew mod iehor ghin jew assista persuni li mhumiex persuni ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub taht l-Artikolu 23 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

U ukoll talli bhala l-persuna responsabbli ta’ xoghol li kien qieghed isir gewwa 11, Triq il-Baltiku San Giljan, impjega persuni li ma kienux cittadini ta’ Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;

U ukoll alli fl-istess cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjegat persuni ohra, whole time, part time, jew xort’ohra kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b’dan l-Impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10);

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kienx hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi fis-9 ta’ Ottubru 2001 kien sar rapport lill-pulizija li kien hemm xi Taljan li kien qieghed jahdem f’San Giljan Triq il-Baltiku. Ghaldaqstant il-pulizija baghatu lil PS 538 Mario Ebejer u lil PC 8 Stephen Bezzina biex jaghmlu inspection fil-fond 11, Triq il-Baltiku San Giljan u hemm hekk huma irrappurtaw lill-Ispettur Neville Xuereb li kienu sabu Taljan bl-isem ta’ Giuseppe Vichi jaghmel xi xoghol ta’ kisi f’din ir-residenza. Vichi ingab fl-ufficju ta’ l-Ispettur Xuereb u flimkien mieghu kien hemm ukoll l-imputat. L-Ispettur ta t-twissija lil Vichi, kif ukoll lil Pace, li ma kienux obbligati illi jirrispondu u illi dak kollu li kienu ser jghidu kien ser jitnizzel u setgha jintuza bhala prova u l-imputat kien ghazel illi jirrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Xuereb. Permezz ta’ din l-istqarrija li l-imputat ghazel li ma jiffirmax huwa ammetta illi l-pulizija kienu sabuh jaghmel xi xoghol f’dar 11, Triq il-Baltiku San Giljan u qalu li l-post ma huwiex tieghu, imma ta’ certu wiehed Brian. Dwar it-Taljan Giuseppe Vichi huwa qal illi

dan ma jahdimx mieghu, talbu xi xoghol u hu kien tah jumejn xoghol u li ftehim dwar pagament ma kienx hemm. Huwa qal illi xoghol Vichi kien ta' kisi. Mistoqsi jekk kellux permess biex jahdem dan Vichi, l-imputat wiegeb li ma kienx jaf.

Illi xehdu l-pulizija li marru fuq il-post fi Triq il-Baltiku San Giljan u qalu illi sabu lill-imputat prezenti ma Giuseppe Vichi u kienu qeghdin jaghmlu kisi ta' soqfa. PS 538 Mario Ebejer xehed illi dakinhar meta mar fuq il-post in kwistjoni l-imputat kien qallu illi Vichi kien gie jghinu ftit. Huwa xehed illi mhux lill-imputat sabu jaghmel il-kisi, imma lil Giuseppe Vichi.

Illi xehed PC 63 Josef Farrugia li wkoll mar fil-post in kwistjoni, izda dan kien biss xhud tal-firma tal-istqarrija.

Illi irrizulta mix-xhieda ta' Joseph Galea, Principle fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriate illi Giuseppe Vichi ma kellu l-ebda permess sabiex jahdem f'Malta.

Illi sussegwentement il-Prosekuzzjoni esebiet stqarrija ohra ta' l-imputat illi tidher li hija l-istess stqarrija tieghu fejn din id-darba pero' tidher illi hemm il-firma ta' l-imputat Leonard Pace fuq l-istqarrija.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament, inqratlu l-istqarrija u huwa ikkonfermaha. L-imputat xehed illi kienu marru biss gurnata qabel ma sabuhom il-pulizija u kienu ghamlu xi sample biex forsi jiehdu x-xoghol u Vichi kien ghamel xoghol ghalih ta' kisi u hu, jigifieri l-imputat kien ghamel xoghol ta' suffetti. L-imputat xehed illi Vichi ma kienx impjegat mieghu u x-xoghol illi ta' lil Vichi ma kienx ser ihallsu hu tieghu, imma kien ser ihallas sid il-post. Umbaghad gew il-pulizija u sabuhom fuq il-lant tax-xoghol. Mistoqsi ghal fejn ma kienx qal dawn l-affarijiet kollha lill-Ispettur Xuereb meta gie arrestat, huwa wiegeb illi ma xtaqx idahhal lis-sid tal-fond fil-problemi wara li kien laqghu ma Giuseppe Vichi u dak il-hin hass illi kellu jiehu l-htija fuqu.

Illi d-difiza ressqet bhala xhud lil Italo Fino illi xehed illi xi sentejn qabel kien inkariga lill-imputat biex jaghmillu xi xoghol f'post li kien jinsab f'The Village San Giljan. Huwa inkarigah biex jaghmillu xoghol ta' soffit u fil-fatt l-imputat ghamillu dan ix-xoghol. Meta kien gie biex jara min kien ser jaghmillu x-xoghol ta' kisi huwa staqsa lill-imputat kienx jaf lil xi hadd kapaci jaghmel dan ix-xoghol. F'dan l-istadju il-Qorti wissiet lix-xhud illi setgha jaghzel li ma iwiegeb ghal ebda domanda ohra peress illi dak kollu li kien ser jghid kien ser jitnizzel u setgha jintuza bhala prova. Ma dana kollu x-xhud Italo Fino ghazel illi ikompli jixhed u fil-fatt xehed illi l-imputat kien ipprezentalu lil certu Giuseppe sabiex jaghmillu ix-xoghol ta' kisi. Dan Giuseppe kien Taljan. Giuseppe thajjar biex jaghmel ix-xoghol pero' bhala prova u ghalhekk Fino qallu lil Giuseppe Vichi biex jaghmillu prova tax-xoghol biex jara l-kapacita tieghu. Fino kompla jixhed illi x-xoghol fil-fatt ma tahulux ghaliex umbaghad Giuseppe Vichi kien inqabad fil-post tar-residenza ta' ohtu fejn kien qieghed jaghmel din il-prova tax-xoghol mill-pulizija. Fino xehed illi lill-imputat kien ser ihallsu ghas-soffit u Giuseppe Vichi kellu jaghmillu l-prova tax-xoghol, jaghmillu l-istima, pero' dan kollu ma lahaqx ghamlu. Fino kompla jixhed illi ghax-xoghol illi kellu kien ser ihallas lill-imputat ghas-soffitti, pero' ghax-xoghol tal-kisi kien ser ihallas hu direttament lil Giuseppe Vichi. Fino in kontro-ezami xehed illi s-soffitti ma kienux kollha lesti qabel ma kien ser jinbeda x-xoghol tal-kisi. Giuseppe Vichi jekk mar darbtejn fil-post u mhux aktar. Meta kien imur Giuseppe Vichi fil-post tax-xoghol kien jiftahlu hu u b'hekk jaf kemm il-darba mar. Fino kompla jixhed illi huwa ma ghamel l-ebda verifika biex jara jekk Giuseppe Vichi kellux permess biex jahdem f'Malta u Vichi kien ser jaghtih l-istima. Huwa prova biss ghamel u mhux xoghol. Fino kompla jixhed illi meta marru l-pulizija huwa ma kienx prezenti. Pero' ikkonferma illi huwa talbu jaghmillu prova biex jurih il-kapacita tieghu biex jaghmel dan ix-xoghol ta' kisi. Fino xehed ukoll illi huwa ma kienx jaf illi anke biex jaghmel dan ix-xoghol ta' prova Vichi kellu bzonn il-permess. Pero' sostna bil-gurament tieghu illi kien hu illi qabbad lil Vichi biex jaghmel din il-prova u mhux l-imputat u dan a fol. 34 tal-process.

Ikkunsidrat :

Illi, wara illi semghet din ix-xhieda ta’ Italo Fino, il-Qorti tara illi ma jirrizultax illi kien l-imputat illi qabbad lil Giuseppe Vichi sabiex jaghmel ix-xoghol in kwistjoni, izda kien Italo Fino, u dan fuq ammissjoni ta’ l-istess Fino fix-xhieda illi ta f’dawn il-proceduri. Ghaldaqstant filwaqt illi tiddikjara lill-imputat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------